<i>xFestulolium</i> Asch. et Graebn.	Ibridi li jirriżultaw mill-inkroċjar ta' speċi tal-ġeneru <i>Festuca</i> ma' speċi tal-ġeneru <i>Lolium</i>	TG/243/1 tad-9.4.2008
<i>Phleum nodosum</i> L.	Mustaċċ il-qattus	TG/34/7 tas-17.12.2020
<i>Phleum pratense</i> L.	Denb il-qattus	TG/34/7 tas-17.12.2020
<i>Lotus corniculatus</i> L.	Qrempuċ tal-mogħoż	TG 193/1 tad-9.4.2008
<i>Lupinus albus</i> L.	Lupina bajda	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Lupinus angustifolius</i> L.	Lupina b'weraq dojq	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Lupinus luteus</i> L.	Lupina safra	TG/66/4 tal-31.3.2004
<i>Medicago doliata</i> Carmign.	Nefel tal-fergħa dritta	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago italica</i> (Mill.) Fiori	Nefel tal-midalja	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago littoralis</i> Rohde ex Loisel.	Nefel tax-xtut	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago lupulina</i> L.	Nefel iswed	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago murex</i> Willd.	Nefel tal-globu	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago polymorpha</i> L.	Nefel komuni	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago rugosa</i> Desr.	Nefel imkemmex	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago sativa</i> L.	Xnien	TG/6/5 tas-6.4.2005
<i>Medicago scutellata</i> (L.) Mill.	Nefel tal-bebbux	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago truncatula</i> Gaertn.	Nefel tal-fosdqa	TG/228/1 tal-5.4.2006
<i>Medicago x varia</i> T. Martyn	Xnien ir-ramel	TG/6/5 tas-6.4.2005
<i>Trifolium pratense</i> L.	Silla ħamra	TG/5/8 tas-17.12.2020
<i>Trifolium repens</i> L.	Silla bajda	TG/38/7 tad-9.4.2003
<i>Trifolium subterraneum</i> L.	Silla sotterranja	TG/170/3 tal-4.4.2001
<i>Phacelia tanacetifolia</i> Benth.	Kampanella ta' Kalifornja	TG/319/1 tal-5.4.2017

<i>Arachis hypogaea</i> L.	Karawett	TG/93/4 tad-9.4.2014
<i>Brassica juncea</i> (L.) Czern	Mustarda kannella	TG/335/1 tas-17.12.2020
<i>Brassica rapa</i> L. var. <i>silvestris</i> (Lam.) Briggs	Rapa tan-nevew	TG/185/3 tas-17.4.2002
<i>Carthamus tinctorius</i> L.	Għosfor	TG/134/3 tat-12.10.1990
<i>Papaver somniferum</i> L.	Peprina	TG/166/4 tad-9.4.2014"

* It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int)

Parti B — Emendi tal-Annessi tad-Direttiva 2003/91/KE

“ANNEX I

Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(a), li jridu jikkonformaw mal-protokoll tekniċi tas-CPVO *

Isem xjentifiku	Isem komuni	Protokoll tas-CPVO
<i>Allium cepa</i> L. (il-grupp tas-Cepa)	Basal u Echalion	TP 46/2 tal-1.4.2009
<i>Allium cepa</i> L. (il-grupp tal-Aggregatum)	Xallotta	TP 46/2 tal-1.4.2009
<i>Allium fistulosum</i> L.	Basal tal-għenieqed (Japanese bunching onion jew Welsh onion)	TP 161/1 tal-11.3.2010
<i>Allium porrum</i> L.	Kurrat	TP 85/2 tal-1.4.2009
<i>Allium sativum</i> L.	Tewm	TP 162/1 tal-25.3.2004
<i>Allium schoenoprasum</i> L.	Kurrat selvaġġ	TP 198/2 tal-11.3.2015
<i>Apium graveolens</i> L.	Karfus	TP 82/1 tat-13.3.2008
<i>Apium graveolens</i> L.	Karfusa liftija	TP 74/1 tat-13.3.2008
<i>Asparagus officinalis</i> L.	Spraġ	TP 130/2 tas-16.2.2011
<i>Beta vulgaris</i> L.	Pitravi inkluż il-pitrava Cheltenham	TP 60/1 tal-1.4.2009
<i>Beta vulgaris</i> L.	Pitravi tal-inspinaċi jew Chard	TP 106/1 tal-11.3.2015
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċa mberfla	TP 90/1 tas-16.2.2011
<i>Brassica oleracea</i> L.	Pastard	TP 45/2 Rev. 2 tal-21.3.2018
<i>Brassica oleracea</i> L.	Brokkli li qed inibbet jew Kalabriż	TP 151/2 Rev. 2 tal-21.4.2020
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk	TP 54/2 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica oleracea</i> L.	Ġidra	TP 65/1 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica oleracea</i> L.	Kaboċċa mfelfla (savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra	TP 48/3 rev. tal-15.3.2017
<i>Brassica rapa</i> L.	Kaboċċa Ċiniża	TP 105/1 tat-13.3.2008
<i>Capsicum annuum</i> L.	Bżar aħmar jew Bżar ieħor	TP 76/2 Rev. 2 tal-21.4.2020
<i>Cichorium endivia</i> L.	Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-werqa sempliċi	TP 118/3 tad-19.3.2014
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra industrijali	TP 172/2 tal-1.12.2005
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra tal-weraq	TP 154/1 rev. tad-19.3.2019
<i>Cichorium intybus</i> L.	Ċikwejra Witloof	TP 173/2 tal-21.3.2018
<i>Citrullus lanatus</i> (Thunb.) Matsum. et Nakai	Dullieġħ	TP 142/2 tad-19.3.2014
<i>Cucumis melo</i> L.	Bettieħ	TP 104/2 Rev. tal-21.4.2020
<i>Cucumis sativus</i> L.	Ħjar u Ħjar zġħir	TP 61/2 Rev. 2 tad-19.3.2019
<i>Cucurbita maxima</i> Duchesne	Qara' aħmar	TP 155/1 tal-11.3.2015
<i>Cucurbita pepo</i> L.	Qarabagħli jew Zukkini	TP 119/1 Rev. tad-19.3.2014
<i>Cynara cardunculus</i> L.	Qaqoċċ u Kardun	TP 184/2 Rev. tal-6.3.2020

<i>Daucus carota</i> L.	Karrotti u Karrotti għall-għalf	TP 49/3 tat-13.3.2008
<i>Foeniculum vulgare</i> Mill.	Bużbież	TP 183/1 tal-25.3.2004
<i>Lactuca sativa</i> L.	Ħass	TP 13/6 rev. tal-15.2.2019
<i>Solanum lycopersicum</i> L.	Tadam	TP 44/4 Rev. 4 tal-21.4.2020
<i>Petroselinum crispum</i> (Mill.) Nyman ex A. W. Hill	Tursin	TP 136/1 tal-21.3.2007
<i>Phaseolus coccineus</i> L.	Fażola ta' Spanja	TP 9/1 tal-21.3.2007
<i>Phaseolus vulgaris</i> L.	Fażola żgħira ta' Franza u Fażola tixxeblek ta' Franza	TP 12/4 tas-27.2.2013
<i>Pisum sativum</i> L. (partim)	Piżelli mkemmxa, Piżelli tonda u Piżelli ħelwa (sugar pea)	TP 7/2 Rev. 3 tas-6.3.2020
<i>Raphanus sativus</i> L.	Ravanell, Ravanell iswed	TP 64/2 Rev. Corr. tal-11.3.2015
<i>Rheum rhabarbarum</i> L.	Rabarbru	TP 62/1 tad-19.4.2016
<i>Scorzonera hispanica</i> L.	Scorzonera jew Salsafja sewda	TP 116/1 tal-11.3.2015
<i>Solanum melongena</i> L.	Brunġiel	TP 117/1 tat-13.3.2008
<i>Spinacia oleracea</i> L.	Spinaċi	TP 55/5 Rev. 3 tal-6.3.2020
<i>Valerianella locusta</i> (L.) Laterr.	Insalata tal-qamħ jew Ħass tal-ħaruf	TP 75/2 tal-21.3.2007
<i>Vicia faba</i> L. (partim)	Ful	TP 206/1 tal-25.3.2004
<i>Zea mays</i> L. (partim)	Qamħirrum ħelu u Popcorn	TP 2/3 tal-11.3.2010
<i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum peruvianum</i> (L.) Mill.; <i>Solanum lycopersicum</i> L. x <i>Solanum cheesmaniae</i> (L. Ridley) Fosberg; <i>Solanum pimpinellifolium</i> L. x <i>Solanum habrochaites</i> S. Knapp & D.M. Spooner	Selvaġġ tat-tadam	TP 294/1 Rev. 4 tal-21.4.2020
<i>Cucurbita maxima</i> Duchesne x <i>Cucurbita moschata</i> Duchesne	L-ibridi interspeċifiċi tal- <i>Cucurbita maxima</i> Duch. x <i>Cucurbita moschata</i> Duch. għal użu bħala selvaġġ (rootstocks)	TP 311/1 tal-15.3.2017

* It-test ta' dawn il-protokollj jinsab fuq is-sit web tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

ANNEX II

Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b) li jridu jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittejtjar tal-UPOV *

Isem xjentifiku	Isem komuni	Linja gwida tal-UPOV
<i>Brassica rapa</i> L.	Nevev	TG/37/10 tal-4.4.2001"

* It-test ta' dawn il-linji gwida jinsab fuq is-sit web tal-UPOV (www.upov.int).

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/747

tat-3 ta' Mejju 2021

li taħtar erba' membri u disa' membri supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽¹⁾,

Filwaqt li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Rumien,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni jikkonsisti minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali li jkollhom mandat elettoral ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli lejn assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ⁽²⁾, li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/172 ⁽³⁾, li taħtar membru u membri supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Decebal FĂĠĂDĂU (*Mayor of Constanța Municipality, Constanța County*), is-Sur Victor MORARU (*President of Ialomița County Council*), is-Sur Ion PRIOTEASA (*President of Dolj County Council*) u s-Sur Marius Horia ȚUȚUIANU (*President of Constanța County Council*), saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Ștefan ILIE (*Mayor of Luncavița Commune, Tulcea County*), is-Sur Emil Radu MOLDOVAN (*President of Bistrița-Năsăud County Council*), li rriżenja, is-Sur Petre Emanoil NEAGU (*President of Buzău County Council*), li rriżenja, is-Sur Cosmin NECULA (*Mayor of Bacău Municipality, Bacău County*), is-Sur Emilian OPREA (*Mayor of Chitila City, Ilfov County*), li rriżenja, is-Sur Marian PETRACHE (*President of Ilfov County Council*), is-Sur Horia TEODORESCU (*President of Tulcea County Council*), li rriżenja, is-Sur Mădălin – Ady TEODORESCU (*Mayor of Balș City, Olt County*) u s-Sur Bogdan Andrei TOADER (*President of Prahova County Council*) saru vakanti s-siġġijiet ta' disa' membri supplenti.
- (5) Il-gvern Rumien ippropona lis-Sur Daniel BĂLUȚĂ (*Mayor of District 4, Bucharest Municipality*), is-Sur Petre Emanoil NEAGU (*President of Buzău County Council*), is-Sur Alin-Adrian NICA (*President of Timiș County Council*) u s-Sur Corneliu ȘTEFAN (*President of Dâmbovița County Council*), kollha rappreżentanti ta' korp lokali jew reġjonali li huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta, bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.
- (6) Il-gvern Rumien ippropona lis-Sur Ionel Ovidiu BOGDAN (*President of Maramureș County Council*), is-Sur Iustin-Marinel CIONCA-ARGHIR (*President of Arad County Council*), is-Sa Aurelia FEDORCA (*Mayor of Negrești Oaș, Satu Mare County*), is-Sur Adrian Ionuț GĂDEA (*President of Teleorman County Council*), is-Sur Dănuț GROZA (*Mayor of Sânnicolau Mare, Timiș County*), is-Sur Florin Tiberiu IACOB-RIDZI (*Mayor of Petroșani Municipality, Hunedoara County*), is-Sur Ștefan ILIE (*Mayor of Tulcea Municipality, Tulcea County*), is-Sur Ion MÎNZÎNĂ (*President of Argeș County Council*) u

⁽¹⁾ ĠUL 139, 27.5.2019, p. 13.

⁽²⁾ ĠUL 327, 17.12.2019, p. 78.

⁽³⁾ ĠUL 50, 15.2.2021, p. 7.

s-Sur Dorin Cosmin VASILE (*President of Dolj County Council*), kollha rappreżentanti ta' korp lokali jew reġionali li huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta, bħala membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti ta' korpi reġionali jew lokali li ġejjin b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

- Is-Sur Daniel BĂLUȚĂ, *Mayor of District 4, Bucharest Municipality*,
- Is-Sur Petre Emanoil NEAGU, *President of Buzău County Council*,
- Is-Sur Alin-Adrian NICA, *President of Timiș County Council*,
- Is-Sur Corneliu ȘTEFAN, *President of Dâmbovița County Council*;

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Ionel Ovidiu BOGDAN, *President of Maramureș County Council*,
- Is-Sur Iustin-Marinel CIONCA-ARGHIR, *President of Arad County Council*,
- Is-Sa Aurelia FEDORCA, *Mayor of Negrești Oaș, Satu Mare County*,
- Is-Sur Adrian Ionuț GÂDEA, *President of Teleorman County Council*,
- Is-Sur Dănuț GROZA, *Mayor of Sânnicolau Mare, Timiș County*,
- Is-Sur Florin Tiberiu IACOB-RIDZI, *Mayor of Petroșani Municipality, Hunedoara County*,
- Is-Sur Ștefan ILIE, *Mayor of Tulcea Municipality, Tulcea County*,
- Is-Sur Ion MÎNZÎNĂ, *President of Argeș County Council*,
- Is-Sur Dorin Cosmin VASILE, *President of Dolj County Council*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/748**tas-6 ta' Mejju 2021****dwar il-parteċi-pazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċi-panti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 tal-5 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteci-paw fi proġetti individwali tal-PESCO ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat jekk Stat terzi, li l-Istati Membri parteċi-panti li qed jieħdu sehem fi proġett jixtiequ jistiednu biex jieħu sehem f'dak il-proġett, jissodisfax ir-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill.
- (2) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 ⁽³⁾. L-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li proġett intitolat "Mobbiltà Militari" (il-"proġett PESCO Mobbiltà Militari") għandu jiġi żviluppat taħt il-PESCO minn 24 membru tal-proġett, inkluż in-Netherlands bħala koordinatur tal-proġett.
- (3) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li stabbiliet il-kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna jipparteci-paw fi proġetti individwali tal-PESCO. L-Artikolu 2(4) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li, abbażi ta' notifika mill-koordinatur jew il-koordinaturi ta' proġett tal-PESCO, u wara opinjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat u l-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 dwar jekk il-parteċi-pazzjoni tal-Istat terzi f'dak il-proġett tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (4) Fil-15 ta' Frar 2021, il-Kanada bagħtet lill-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari t-talba tagħha għall-parteċi-pazzjoni f'dak il-proġett, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Il-membri tal-proġett imbagħad i-valutaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, jekk hija tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali, skont l-Artikolu 2(2) ta' dik id-Deċiżjoni.
- (5) Fis-17 ta' Marzu 2021, il-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari innotifika lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li l-membri ta' dak il-proġett kienu qablu b'mod unanimu f'dik id-data li jixtiequ jistiednu lill-Kanada biex tipparteci-pa f'dak il-proġett. Il-membri tal-proġett qablu b'mod unanimu wkoll dwar l-ambitu, il-forma u l-istadji rilevanti tal-parteċi-pazzjoni tal-Kanada f'dak il-proġett, u li l-Kanada tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.
- (6) Fit-30 ta' Marzu 2021, il-KPS qabel dwar opinjoni dwar in-notifika rigward it-talba mill-Kanada biex tipparteci-pa fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari. B'mod partikolari, il-KPS ħa nota tad-deskrizzjoni ta' dak il-proġett kif ipprovduta fin-notifika, inkluż l-oġettivi, l-organizzazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu kif ukoll l-oqsma ta' prijorità ta' ħidma tiegħu. Il-KPS innota wkoll li l-ebda informazzjoni klassifikata jew sensitiva tal-UE ma tiġi kondiviża f'dak

⁽¹⁾ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 371, 6.11.2020, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24).

il-proġett u li l-proġett mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fis-sens tal-Artikolu 3(g) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Barra minn hekk, il-KPS innota li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jinvolvix l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, jew l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija u li ma jinvolvix entitajiet, investimenti, finanzjament mill-Istati Membri parteċipanti tal-PESCO, jew talbiet għal finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet tal-proġett.

- (7) Fl-opinjoni tiegħu, il-KPS qabel ukoll mal-ambitu, il-forma u l-firxa proposti tal-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari kif deskritti fin-notifika. Huwa rrikonoxxa li l-Kanada kienet esprimiet li hija tappoġġa bis-shiġh l-ambitu ta' dak il-proġett kif definit fin-notifika.
- (8) Fl-istess opinjoni, il-KPS ikkonferma l-fehma maqbula b'mod unanimu mill-membri tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari li l-Kanada tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, kif ġej:
- il-Kanada tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(a), li teħtieġ il-kondiviżjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat, u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat, kif ukoll l-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fil-punti (a), (b), (c) u (h) tal-Artikolu 21(2) tat-Trattat; li ma tmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' vċinat mal-Istati Membri; u li jkollha djalogu politiku mal-Unjoni, li jenħtieġ li jkopri wkoll aspetti ta' sigurtà u difiża meta tipparteċipa f'dan il-proġett tal-PESCO Mobbiltà Militari;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(b) dwar il-valur miżjud sostanzjali tal-Kanada għall-proġett PESCO Mobbiltà Militari, in-notifika tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-kontribut tal-Kanada, inkluż dwar l-ambitu, il-forma u l-firxa tal-parteċipazzjoni tagħha f'dak il-proġett, li tissostanzja l-issodisfar ta' dik il-kondizzjoni;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(c), il-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari ser tikkontribwixxi għat-tishiġh tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni inkluż b'appoġġ għall-missionijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif speċifikat ukoll fin-notifika;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(d), il-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jindirizzax l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u lanqas l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija. Ma jiżviluppa l-ebda kapaċità jew teknoloġija. Konsegwentement, il-parteċipazzjoni tal-Kanada f'dak il-proġett mhux ser twassal għal dipendenzi fuq il-Kanada jew għal restrizzjonijiet imposti minnha kontra xi Stat Membru;
 - il-konsistenza meħtieġa, stabbilita fl-Artikolu 3(e), tal-parteċipazzjoni tal-Kanada mal-impenji aktar vinkolanti rilevanti tal-PESCO, rigward ukoll il-kapaċità ta' skjerament u l-interoperabbiltà tal-forzi li dan il-proġett qed jgħin biex jitwettqu, kif speċifikat fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, hija ssodisfata wkoll, kif spjegat aktar fid-dettall fin-notifika. Peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex proġett orjentat lejn il-kapaċitajiet, il-kondizzjoni dwar il-kontribut tal-parteċipazzjoni tal-Kanada għall-issodisfar tal-prijoritajiet li joħorġu mill-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża jew għal impatt pożittiv fuq il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea mhijiex applikabbli f'dan il-kuntest;
 - ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 3(f) huwa ssodisfat peress li ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni bejn l-Unjoni u l-Kanada (*) ilu fis-seħħ mill-1 ta' Ġunju 2018;
 - il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(g) mhijiex applikabbli f'dan il-każ, peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u għalhekk mhuwiex meħtieġ arranġament amministrattiv li daħal fis-seħħ ma' dik l-Aġenzija;

(*) Il-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 333, 15.12.2017, p. 2).

- fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(h), il-Kanada impenjat ruħha li tfittex li tikkonkludi arranġament amministrattiv speċifiku għall-proġett u kwalunkwe dokumentazzjoni neċessarja oħra tal-proġett f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 u (PESK) 2018/909 ⁽⁵⁾.
- (9) Il-KPS irrakkomanda fl-opinjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2021 li l-Kunsill jieħu deċiżjoni pożittiva dwar jekk il-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbilità Militari tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (10) Il-Kunsill għandu għalhekk jiddeċiedi li l-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbilità Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Sussegwentament, il-koordinatur tal-proġett għandu jibgħat stedina għall-parteċipazzjoni f'dak il-proġett lill-Kanada, fisem il-membri tal-proġett. Il-Kanada għandha tingħaqad ma' dak il-proġett fid-data speċifikata fl-arranġament amministrattiv li għandhom jidħlu fih il-membri tal-proġett u l-Kanada, skont l-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u għandu jkollha d-drittijiet u l-obbligi ddeterminati f'dak l-arranġament, f'konformità mal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Deċiżjoni. Il-Kunsill għandu jeżerċita s-sorveljanza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u fil-każ li jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 6(2) jew (3) ta' dik id-Deċiżjoni il-Kunsill jista' jieħu deċiżjonijiet ulterjuri.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tal-Kanada fil-proġett PESCO Mobbilità Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/749**tas-6 ta' Mejju 2021****dwar il-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 tal-5 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat jekk Stat terz, li l-Istati Membri parteċipanti li qed jieħdu sehem fi proġett jixtiequ jistiednu biex jieħu sehem f'dak il-proġett, jissodisfax ir-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill.
- (2) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 ⁽³⁾. L-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li proġett intitolat "Mobbiltà Militari" (il-"proġett PESCO Mobbiltà Militari") għandu jiġi żviluppat taħt il-PESCO minn 24 membru tal-proġett, inkluż in-Netherlands bħala koordinatur tal-proġett.
- (3) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li stabbiliet il-kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO. L-Artikolu 2(4) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li, abbażi ta' notifika mill-koordinatur jew il-koordinaturi ta' proġett tal-PESCO, u wara opinjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat u l-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 dwar jekk il-parteċipazzjoni tal-Istat terz f'dak il-proġett tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (4) Fit-12 ta' Frar 2021, ir-Renju tan-Norveġja (in-"Norveġja") baġhat lill-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari t-talba tiegħu għall-parteċipazzjoni f'dak il-proġett, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Il-membri tal-proġett imbagħad ivvalutaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta min-Norveġja, jekk hija tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali, skont l-Artikolu 2(2) ta' dik id-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (5) Fid-19 ta' Marzu 2021, il-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari innotifika lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li l-membri ta' dak il-proġett kienu qablu b'mod unanimu f'dik id-data li jixtiequ jistiednu lin-Norveġja biex tipparteċipaw f'dak il-proġett. Il-membri tal-proġett qablu b'mod unanimu wkoll dwar l-ambitu, il-forma u l-istadji rilevanti tal-parteċipazzjoni tan-Norveġja f'dak il-proġett, u li n-Norveġja tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.
- (6) Fit-30 ta' Marzu 2021, il-KPS qabel dwar opinjoni dwar in-notifika rigward it-talba min-Norveġja biex tipparteċipaw fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari. B'mod partikolari, il-KPS ħa nota tad-deskrizzjoni ta' dak il-proġett kif ipprovduta fin-notifika, inkluż l-oġġettivi, l-organizzazzjoni u t-tehdid ta' deċiżjonijiet tiegħu kif ukoll l-oqsma ta' prijorità ta' ħidma tiegħu. Il-KPS innota wkoll li l-ebda informazzjoni klassifikata jew sensittiva tal-UE ma tiġi

⁽¹⁾ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 371, 6.11.2020, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24).

kondiviża f'dak il-proġett u li l-proġett mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fis-sens tal-Artikolu 3(g) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Barra minn hekk, il-KPS innota li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jnvolvi l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, jew l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija; u li ma jnvolvi entitajiet, investimenti, finanzjament mill-Istati Membri parteċipanti tal-PESCO jew talbiet għal finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet tal-proġett.

- (7) Fl-opinjoni tiegħu l-KPS qabel ukoll mal-ambitu, il-forma u l-firxa proposti tal-parteeipazzjoni tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari kif deskritti fin-notifika. Huwa rrikonoxxa li n-Norveġja kienet esprimiet li hija tappoġġa bis-sħiħ l-ambitu ta' dak il-proġett kif definit fin-notifika.
- (8) Fl-istess opinjoni, il-KPS ikkonferma l-fehma maqbula b'mod unanimu mill-membri tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari li n-Norveġja tikkonforma mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, kif ġej:
- in-Norveġja tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(a), li teħtieġ il-kondiviżjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat, u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat, kif ukoll l-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fil-punti (a), (b), (c) u (h) tal-Artikolu 21(2) tat-Trattat; li ma tmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat mal-Istati Membri; u li jkollha djalogu politiku mal-Unjoni, li jenħtieġ li jkopri wkoll aspetti ta' sigurtà u difiża meta tipparteċipa fil-proġett tal-PESCO Mobbiltà Militari;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(b) dwar il-valur miżjud sostanzjali tan-Norveġja għall-proġett PESCO Mobbiltà Militari, in-notifika tipprovdri deskrizzjoni dettaljata tal-kontribut tan-Norveġja, inkluż dwar l-ambitu, il-forma u l-firxa tal-parteeipazzjoni tagħha f'dak il-proġett, li tissostanzja l-issodisfar ta' dik il-kondizzjoni;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(c), il-parteeipazzjoni tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni inkluż b'appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif speċifikat ukoll fin-notifika;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(d), il-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jindirizzax l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u lanqas l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija. Ma jiżviluppa l-ebda kapaċità jew teknoloġija. Konsegwentement, il-parteeipazzjoni tan-Norveġja f'dak il-proġett mhux ser twassal għal dipendenzi fuq in-Norveġja jew għal restrizzjonijiet imposti minnha kontra xi Stat Membru;
 - il-konsistenza meħtieġa, stabbilita fl-Artikolu 3(e), tal-parteeipazzjoni tan-Norveġja mal-impenji aktar vinkolanti rilevanti tal-PESCO, rigward ukoll il-kapaċità ta' skjerament u l-interoperabbiltà tal-forzi li dan il-proġett qed jgħin biex jitwettqu, kif speċifikat fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, hija ssodisfata wkoll, kif spjegat aktar fid-dettall fin-notifika. Peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex proġett orjentat lejn il-kapaċitajiet, il-kondizzjoni dwar il-kontribut tal-parteeipazzjoni tan-Norveġja għall-issodisfar tal-prijoritajiet li joħorġu mill-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża jew għal impatt pożittiv fuq il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea mhijiex applikabbli f'dan il-kuntest;

- ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 3(f) huwa ssodisfat peress li l-ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni bejn l-Unjoni u n-Norveġja ⁽⁴⁾ ilu fis-seħħ mill-1 ta' Diċembru 2004;
 - il-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(g) mhijiex applikabbli f'dan il-każ, peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u għalhekk mhuwiex meħtieġ arranġament amministrattiv li daħal fis-seħħ ma' dik l-Aġenzija;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(h), in-Norveġja impenjat ruħha li tfittex li tikkonkludi arranġament amministrattiv speċifiku għall-proġett u kwalunkwe dokumentazzjoni neċessarja oħra tal-proġett f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 u (PESK) 2018/909 ⁽⁵⁾.
- (9) Il-KPS irrakkomanda fl-opinjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2021 li l-Kunsill jieħu deċiżjoni pożittiva dwar jekk il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (10) Il-Kunsill għandu għalhekk jiddeċiedi li l-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Sussegwentement, il-koordinatur tal-proġett għandu jibgħat stedina għall-parteċipazzjoni f'dak il-proġett lin-Norveġja, fisem il-membri tal-proġett. In-Norveġja għandha tingħaqad ma' dak il-proġett fid-data speċifikata fl-arranġament amministrattiv li għandhom jidħlu fih il-membri tal-proġett u n-Norveġja, skont l-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u għandu jkollha d-drittijiet u l-obbligi ddeterminati f'dak l-arranġament, f'konformità mal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Deċiżjoni. Il-Kunsill għandu jeżerċita s-sorveljanza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u fil-każ li jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 6(2) jew (3) ta' dik id-Deċiżjoni il-Kunsill jista' jieħu deċiżjonijiet ulterjuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽⁴⁾ Il-ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata (ĠU L 362, 9.12.2004, p. 29). Edizzjoni bil-MT (ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 249).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/750**tas-6 ta' Mejju 2021****dwar il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1639 tal-5 ta' Novembru 2020 li tistabbilixxi kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna biex jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(4) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 jipprevedi li l-Kunsill għandu jiddeċiedi f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat jekk Stat terz, li l-Istati Membri parteċipanti li qed jieħdu sehem fi proġett jixtiequ jistiednu biex jieħu sehem f'dak il-proġett, jissodisfax ir-rekwiżiti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Kunsill.
- (2) Fis-6 ta' Marzu 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 ⁽³⁾. L-Artikolu 1 ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li proġett intitolat "Mobbiltà Militari" (il-"Proġett PESCO Mobbiltà Militari") għandu jiġi żviluppat taħt il-PESCO minn 24 membru tal-proġett, inkluż in-Netherlands bħala koordinatur tal-proġett.
- (3) Fil-5 ta' Novembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li stabbiliet il-kondizzjonijiet ġenerali li skonthom Stati terzi jkunu jistgħu b'mod eċċezzjonali jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO. L-Artikolu 2(4) ta' dik id-Deċiżjoni jipprevedi li, abbażi ta' notifika mill-koordinatur jew il-koordinaturi ta' proġett tal-PESCO, u wara opinjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS), il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 46(6) tat-Trattat u l-Artikolu 9(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 dwar jekk il-parteċipazzjoni tal-Istat terz f'dak il-proġett tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (4) Fit-23 ta' Frar 2021, l-Istati Uniti tal-Amerka (l-"Istati Uniti") bagħtu lill-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari t-talba tagħhom għall-parteċipazzjoni f'dak il-proġett, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Il-membri tal-proġett imbagħad ivvalutaw, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Uniti, jekk huma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet ġenerali, skont l-Artikolu 2(2) ta' dik id-Deċiżjoni.
- (5) Fis-17 ta' Marzu 2021, il-koordinatur tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari innotifika lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, f'konformità mal-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, li l-membri ta' dak il-proġett kienu qablu b'mod unanimu f'dik id-data li jixtiequ jistiednu lill-Istati Uniti biex jipparteċipaw f'dak il-proġett. Il-membri tal-proġett qablu b'mod unanimu wkoll dwar l-ambitu, il-forma u l-istadji rilevanti tal-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti f'dak il-proġett, u li l-Istati Uniti jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dik id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 371, 6.11.2020, p. 3.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO (ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24).

- (6) Fit-30 ta' Marzu 2021, il-KPS qabel dwar opinjoni dwar in-notifika rigward it-talba mill-Istati Uniti biex jipparteċipaw fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari. B'mod partikolari, il-KPS ħa nota tad-deskrizzjoni ta' dak il-proġett kif ipprovduta fin-notifika, inkluż l-oġġettivi, l-organizzazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu kif ukoll l-oqsma ta' prijorità ta' ħidma tiegħu. Il-KPS innota wkoll li l-ebda informazzjoni klassifikata jew sensittiva tal-UE ma tiġi kondiviża f'dak il-proġett u li l-proġett mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża fis-sens tal-Artikolu 3(g) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Barra minn hekk, il-KPS innota li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jinvolvix l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, jew l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija u li ma jinvolvix entitajiet, investimenti, finanzjament mill-Istati Membri parteċipanti tal-PESCO, jew talbiet għal finanzjament mill-Unjoni għal attivitajiet tal-proġett.
- (7) Fl-opinjoni tiegħu, il-KPS qabel ukoll mal-ambitu, il-forma u l-firxa proposti tal-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari kif deskritti fin-notifika. Huwa rrikonoxxa li l-Istati Uniti kienu esprimew li huma jappoġġaw bis-sħiħ l-ambitu ta' dak il-proġett kif definit fin-notifika.
- (8) Fl-istess opinjoni, il-KPS ikkonferma l-fehma maqbula b'mod unanimu mill-membri tal-proġett PESCO Mobbiltà Militari li l-Istati Uniti jikkonformaw mal-kondizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, kif ġej:
- l-Istati Uniti jissodisfaw l-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(a), li teħtieġ: il-kondiviżjoni tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat, u l-prinċipji msemmija fl-Artikolu 21(1) tat-Trattat, kif ukoll l-oġġettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fil-punti (a), (b), (c) u (h) tal-Artikolu 21(2) tat-Trattat; li ma jmorrux kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat mal-Istati Membri; u li jkollhom djalogu politiku mal-Unjoni, li jenħtieġ li jkopri wkoll aspetti ta' sigurtà u difiża meta jipparteċipaw fil-proġett tal-PESCO Mobbiltà Militari;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(b) dwar il-valur miżjud sostanzjali tal-Istati Uniti għall-proġett PESCO Mobbiltà Militari, in-notifika tipprovdri deskrizzjoni dettaljata tal-kontribut tal-Istati Uniti, inkluż dwar l-ambitu, il-forma u l-firxa tal-parteċipazzjoni tagħhom f'dak il-proġett, li tissostanzja l-issodisfar ta' dik il-kondizzjoni;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(c), il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari ser tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-livell ta' ambizzjoni tal-Unjoni inkluż b'appoġġ għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, kif speċifikat ukoll fin-notifika;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(d), il-proġett PESCO Mobbiltà Militari ma jindirizzax l-akkwist ta' armamenti, ir-riċerka u l-iżvilupp tal-kapaċitajiet, u lanqas l-użu u l-esportazzjoni ta' armi jew kapaċitajiet u teknoloġija. Ma jiżviluppa l-ebda kapaċità jew teknoloġija. Konsegwentement, il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti f'dak il-proġett mhux ser twassal għal dipendenzi fuq l-Istati Uniti jew għal restrizzjonijiet imposti minnhom kontra xi Stat Membru;
 - il-konsistenza meħtieġa, stabbilita fl-Artikolu 3(e), tal-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti mal-impenji aktar vinkolanti rilevanti tal-PESCO, rigward ukoll il-kapaċità ta' skjerament u l-interoperabbiltà tal-forzi li dan il-proġett qed jgħin biex jitwettqu, kif speċifikat fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315, hija ssodisfata wkoll, kif spjegat aktar fid-dettall fin-notifika. Peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex proġett orjentat lejn il-kapaċitajiet, il-kondizzjoni dwar il-kontribut tal-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti għall-issodisfar tal-prijoritajiet li joħorġu mill-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża jew għal impatt pożittiv fuq il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea mhijiex applikabbli f'dan il-kuntest;
 - ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 3(f) huwa ssodisfat, peress li l-ftehim dwar is-sigurtà tal-informazzjoni⁽⁴⁾ bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti ilu fis-seħħ mit-30 ta' April 2007;

(4) Il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka dwar is-Sigurtà ta' Informazzjoni Klassifikata (ĠU L 115, 3.5.2007, p. 30).

- il-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(g) mhijiex applikabbli f'dan il-każ, peress li l-proġett PESCO Mobbiltà Militari mhuwiex implimentat bl-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u għalhekk mhuwiex meħtieġ arranġament amministrattiv li daħal fis-seħħ ma' dik l-Aġenzija;
 - fir-rigward tal-kondizzjoni stabbilita fl-Artikolu 3(h), l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jfittxu li jikkonkludu arranġament amministrattiv speċifiku għall-proġett u kwalunkwe dokumentazzjoni neċessarja oħra tal-proġett f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 u (PESK) 2018/909 ⁽⁵⁾.
- (9) Il-KPS irrakkomanda fl-opinjoni tiegħu tat-30 ta' Marzu 2021 li l-Kunsill jieħu deċiżjoni pożittiva dwar jekk il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.
- (10) Il-Kunsill għandu għalhekk jiddeċiedi li l-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639. Sussegwentament, il-koordinatur tal-proġett għandu jibgħat stedina għall-parteċipazzjoni f'dak il-proġett lill-Istati Uniti, f'isem il-membri tal-proġett. L-Istati Uniti għandhom jingħaqdu ma' dak il-proġett fid-data speċifikata fl-arranġament amministrattiv li għandhom jidħlu fih il-membri tal-proġett u l-Istati Uniti, skont l-Artikolu 2(7) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u għandhom ikollhom id-drittijiet u l-obbligi ddeterminati f'dak l-arranġament, f'konformità mal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Deċiżjoni. Il-Kunsill għandu jeżerċita s-sorveljanza tiegħu f'konformità mal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639, u fil-każ li jseħħu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 6(2) jew (3) ta' dik id-Deċiżjoni il-Kunsill jista' jieħu deċiżjonijiet ulterjuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tal-Istati Uniti tal-Amerka fil-proġett PESCO Mobbiltà Militari tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (PESK) 2020/1639.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/909 tal-25 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli ta' governanza għall-proġetti PESCO (ĠU L 161, 26.6.2018, p. 37).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/751
tas-6 ta' Mejju 2021
li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) L-informazzjoni relatata ma' persuna waħda fil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi aġġornata.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

⁽¹⁾ ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNEX

Fit-Taqsima A (“Persuni”) tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK, l-entrata 36 hija sostitwita b’dan li ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
“36.	Nizar AL-ASSAD (magħruf ukoll bħala al-Asad, Assad, Asad, Assaad, Asaad, Al-Assaad) (اسعد, الاسعد, الاسد; نزار)	Data tat-twelid: 2.3.1948 jew 23.3.1948 jew Marzu 1948; Nazzjonalitajiet: Sirjan, Libaniż (u Kanadiż; Passaport Sirjan Nru 011090258; Passaport Libaniż Nru RL0003434; Passaport Kanadiż: Nru AG629220; Sess:raġel	Negozjant prominenti Sirjan b'rabtiet mill-qrib mar-reġim. Assoċjat mal-familji Assad u Makhoulouf. Bħala tali, kien qed jipparteċipa fir-reġim Sirjan, igawdi minnu jew inkella jappoġġah. Investitur ewlieni taż-żejt, fundatur u kap tal-kumpannija Lead Contracting & Trading Ltd.	23.8.2011”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)